

IL-GAZZETTA TAL-LIĠI PROVINĊJALI

GĦAL VJENNA

Sena 2024

Maħruġa fit-13 ta' Diċembru 2024

46. Att: L-Att ta' Vjenna dwar il-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti; Emendi [Nri tas-CELEX: 32009L0128 u 32009R1107]

Att li jemenda l-Att dwar il-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti ta' Vjenna

Il-Landtag ta' Vjenna ddeċieda:

Artikolu I

L-Att ta' Vjenna dwar il-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti, Gazzetta tal-Liġi Provinċjali għal Vjenna Nru 18/1990, kif emendat l-aħħar bl-Att dwar il-Gazzetta tal-Liġi Provinċjali għal Vjenna Nru 31/2015, huwa emendat kif ġej:

1. F'§ 1, għandhom jitħassru l-paragrafi (3) u (4).

2. § 2 għandu jaqra:

“§ 2. (1) Il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti huma prodotti, fil-forma li fiha jiġu fornuti lill-utent, li jikkonsistu minn jew li fihom sustanzi attivi, aġenti protettivi jew sinerġisti u maħsuba għal użu elenkat fl-Artikolu 2(1)(a) sa (e) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE, ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

(2) “Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx” huma daww li fihom sustanzi attivi b'riskju baxx f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u li huma awtorizzati bħala “prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx” f'konformità mal-Artikolu 47(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(3) “Adatti għall-produzzjoni organika” tfisser daww il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li huma rreġistrati fir-Reġistru tal-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti skont § 4(2) tal-Att dwar il-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti tal-2011 u li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 9 u 24 tar-Regolament (UE) 2018/848 flimkien mal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 1165/2021. Meqjusa ekwivalenti għal dawn huma l-għedewwa naturali tal-pesti kif definiti f'§ 12(1) tal-Ordinanza tal-2011 dwar il-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti u l-mikroorganiżmi kif definiti fl-Artikolu 3(15) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, li huma rreġistrati fir-Reġistru tal-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti skont § 4(2) tal-Att tal-2011 dwar il-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti.

(4) L-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jinkludi l-konsum, l-applikazzjoni, it-tixrid, l-użu, il-ħżin, iż-żamma u t-trasport fuq il-post ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għall-iskop ta' applikazzjoni.

(5) L-użu maħsub u xieraq tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jinkludi l-konformità mar-rekwiżiti legali, il-konformità mal-prattika tajba tal-protezzjoni tal-pjanti f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u l-kunsiderazzjoni tal-prinċipji tal-Protezzjoni Integrata tal-Pjanti (“IPP”, il-paragrafu (6)).

(6) Il-Protezzjoni Integrata tal-Pjanti hija l-kunsiderazzjoni bir-reqqa tal-metodi kollha disponibbli għall-protezzjoni tal-pjanti u l-integrazzjoni sussegwenti ta' miżuri xierqa biex jiġi miġġieled l-iżvilupp ta' popolazzjonijiet ta' pesti u biex l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u metodi oħra ta' difiża u

kontroll jinżammu f'livell ekonomikament u ambjentalment aċċettabbli li jnaqqas jew jimminimizza r-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. Il-protezzjoni integrata tal-pjanti tiffoka fuq it-tkabbir ta' għelejjel b'saħħithom bl-inqas tfixkil possibbli għall-ekosistemi agrikoli u tippromwovi mekkaniżmi naturali għall-kontroll jew għar-regolamentazzjoni tal-pesti.

(7) It-tagħmir għall-protezzjoni tal-pjanti jinkludi t-tferriġh, it-tbexxix, il-bexx, it-tixrid, it-tfarfir u tagħmir ieħor maħsub għall-applikazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

(8) L-ambjent ifisser l-ilma, l-arja u l-ħamrija, kif ukoll ir-relazzjonijiet bejn dawn minn naħa waħda u mal-bnedmin haġġin kollha min-naħa l-oħra.

(9) Konsulent huwa persuna li tkun kisbet għarfien xieraq u tipprovdi pariri dwar il-protezzjoni tal-pjanti u l-użu sikur tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bħala parti mill-attività professjonali tagħha, inklużi l-persuni li jaħdmu għal rashom fis-settur privat u s-servizzi ta' konsulenza pubblika.

(10) Utent professjonali (§ 4(1)) huwa persuna li tuża prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti matul l-attività professjonali tagħha, b'mod partikolari operatur, tekniku, impjegatur, kif ukoll persuni li jaħdmu għal rashom fl-agrikoltura. Meqjusa ekwivalenti għal dawn huma persuni li għandhom l-istess kwalifiki bħal utenti professjonali fir-rigward tal-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti abbażi ta' taħriġ inizjali, kontinwu jew ulterjuri li tlesta b'suċċess f'konformità ma' § 9b, § 9c u §9d u li jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' § 9e mingħajr, madankollu, ma jwettqu attività professjonali li fiha l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jintużaw regolarment.

(11) Utenti oħra huma persuni li, fin-nuqqas ta' rekwiżiti stabbiliti mil-liġi, ma jitqisux bħala utenti professjonali jew persuni ekwivalenti (paragrafu (10)) u li għalhekk jistgħu jużaw biss daww il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (§ 2(2)) li huma awtorizzati għal utenti mhux professjonali."

3. § 4(1) għandu jaqra:

"(1) Il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jistgħu jintużaw biss minn utenti professjonali, sakemm l-awtorizzazzjoni (§ 3(1)) u l-indikazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat ma jistipulawx mod ieħor."

4. § 5 għandu jaqra:

"§ 5. (1) Kull min japplika prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jista' juża biss prodotti awtorizzati għall-protezzjoni tal-pjanti (§ 3(1)) bħala prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u biss jekk u sal-punt li dan ikun stipulat għall-grupp ta' utenti speċifiku rispettiv fl-indikazzjonijiet mal-awtorizzazzjoni. Dan japplika wkoll għall-applikazzjoni ta' sustanzi bażiċi awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(2) Kull min juża jew jippermetti li jintużaw prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzati għall-utent professjonali (§ 3(1)) għandu jżomm rekords li fihom għandha tiġi inkluża mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

- a) l-isem kummerċjali tal-prodotti kollha għall-protezzjoni tal-pjanti użati (inklużi s-sustanzi bażiċi), inkluż in-numru tar-reġistrazzjoni għall-protezzjoni tal-pjanti u l-fattur ta' ħsara;
- b) l-isem u d-daqs taż-żona ttrattata, l-għalla ttrattata u l-ammont effettivament użat (il-kwantità tal-applikazzjoni) tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. Jekk ma tkunx prevista kwantità ta' applikazzjoni relatata maż-żona, għandha tiġi speċifikata l-konċentrazzjoni użata. Id-daqs taż-żona ttrattata ma għandux għalfejn jiġi speċifikat f'dan il-każ;
- c) id-data tal-applikazzjoni; u
- d) l-isem sħiħ tal-utent professjonali (§ 2(10)).

Dawn ir-rekords għandhom jinżammu kronoloġikament u għal mill-inqas tliet snin.

Ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/564 tal-10 ta' Marzu 2023 fir-rigward tal-kontenut u l-format tar-rekords tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti miżmuma minn utenti professjonali skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 74, 13.3.2023, p. 4, għandhom jiġu rrispettati mill-1 ta' Jannar 2026.

(3) Meta jiġu applikati prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, huwa pprojbit li wieħed ipejje, jiekol u jixrob. Jekk ikun meħtieġ, għandu jintuża tagħmir personali protettiv adatt għall-użu speċifiku. Wara l-applikazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, iż-żoni tal-ġilda mhux protetti, inklużi l-idejn, għandhom jitnaddfu sew."

5. § 6(1) *għandu jaqra:*

“(1) Il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandhom jinżammu u jinħażnu b'tali mod li ma jkunux jistgħu jiġu aċċessati minn persuni mhux awtorizzati. Kwalunkwe persuna li ma għandhiex ċertifikat ta' taħriġ validu (§ 9e) għandha titqies bħala mhux awtorizzata.”

6. § 6a(2) *sa (4) għandu jaqra:*

“(2) Fit-territorju ta' Vjenna, bl-eċċezzjoni taż-żoni użati għall-produzzjoni agrikola jew żoni forestali skont it-tifsira tal-Att tal-1975 dwar il-Foresti, minbarra s-sustanzi bażiċi awtorizzati (§ 5(1)) jistgħu jintużaw biss prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzati li jew jitqiesu bħala prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx (§ 2(2)) jew adatti għall-użu fil-produzzjoni organika (§ 2(3)).

(3) B'deroga mill-paragrafu (2), is-sustanzi kimiċi sintetiċi awtorizzati għall-protezzjoni tal-pjanti jistgħu jintużaw ukoll sabiex jikkonformaw mad-dritt tal-UE, mal-ftehimiet internazzjonali, mal-ordnijiet magħmula skont l-Att ta' Vjenna dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti jew mal-atti legali tal-awtoritajiet ibbażati fuq, u fl-oqsma li ġejjin:

żoni

1. użati bħala oqsma ta' riċerka ta' istituzzjoni xjentifika;
2. użati bħala faċilitajiet ferrovjarji, ajruporti jew siti ta' nżul u installazzjonijiet simili li għandhom jinżammu mingħajr l-veġetazzjoni minħabba raġunijiet ta' sikurezza;
3. użati għall-prattika tal-isport jew għall-kompetizzjoni sportiva, jekk iż-żona ma tkunx disponibbli b'mod predominanti għall-użu minn tfal u adolexxenti sal-età ta' 14-il sena;
4. il-ħtieġa tal-użu ta' sustanzi kimiċi sintetiċi għall-protezzjoni tal-pjanti fl-interessi tas-sikurezza nazzjonali;
5. meqjusa bħala ġonna u parks skont it-tifsira tal-Artikolu 1(12) tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Monumenti, kif ukoll żoni li bl-istess mod jisthoqqlhom protezzjoni u preżervazzjoni minħabba s-sinifikat storiku tagħhom u l-kwalità tal-pajsaġġ urban; jew
6. użati bħala kopertura tal-wiċċ għall-faċilitajiet tat-trattament tal-iskart skont it-tifsira tal-Att dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart tal-2002 għall-protezzjoni u għaż-żamma tal-funzjoni tal-kopertura tal-wiċċ.

F'każ ta' dubju, l-Amministrazzjoni tal-Belt għandha, fuq talba, tiddetermina permezz ta' deċiżjoni uffiċjali jekk żona għandhiex titqies li tappartjeni għal-lista stabbilita fil-punti 1 sa 6 u, għalhekk, li l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti skont it-tifsira tal-paragrafu (4) huwa permissibbli.

(4) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu (1), meta jintuża kwalunkwe prodott awtorizzat għall-protezzjoni tal-pjanti, il-Protezzjoni Integrata tal-Pjanti (§ 2(6) u § 6a(1)) għandha titqies fil-kuntest tal-każ ta' użu speċifiku kkonċernat.”

7. *Il-paragrafi (4) sa (8) li ġejjin huma miżjuda ma' § 7:*

“(4) L-applikazzjoni mill-ajru ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandha tkun ipprojbata, sakemm ma jkunx previst mod ieħor hawn taħt.

(5) B'deroga mill-paragrafu (4), fuq talba ta' utent professjonali (§ 2(10)) u f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9(2) u (3) tad-Direttiva 2009/128/KE, l-Amministrazzjoni tal-Belt tista', permezz ta' deċiżjoni uffiċjali, tagħti approvazzjoni għall-użu ta' vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ għall-applikazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (§ 2(1) sa (3)) jew materjali bażiċi. Meta meħtieġ, l-approvazzjoni għandha tinkludi kundizzjonijiet, perjodi ta' żmien u stipulazzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi pubbliċi, tas-saħħa tar-residenti lokali u tal-ambjent.

(6) Kwalunkwe talba msemmija fil-paragrafu (5) għandha tkun akkumpanjata minn pjan ta' applikazzjoni u evidenza li turi li huma ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2009/128/KE. Barra minn hekk, l-informazzjoni li ġejja:

1. iż-żmien mistenni għall-applikazzjoni;
2. il-kwantitajiet li għandhom jiġu applikati;
3. il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti użati, inklużi l-għedewwa naturali tal-pesti u l-mikroorganiżmi jew is-sustanzi bażiċi; u
4. iż-żoni li fuqhom għandhom jiġu applikati l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, inklużi l-għedewwa naturali tal-pesti u l-mikroorganiżmi jew is-sustanzi bażiċi

għandhom jiġu inklużi fit-talba.

(7) L-Amministrazzjoni tal-Belt għandha iżomm rekords skont l-Artikolu 9(6) tad-Direttiva 2009/128/KE dwar l-informazzjoni li tinsab fit-talbiet imsemmija fil-paragrafu (6) u fl-approvazzjonijiet mogħtija skont il-paragrafu (5).

(8) L-Amministrazzjoni tal-Belt hija awtorizzata, filwaqt li titqies il-liġi federali u/jew tal-UE, li tistabbilixxi, permezz ta' ordni, dispożizzjonijiet aktar dettaljati dwar l-applikazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti inklużi għedewwa naturali ta' pesti u mikroorganiżmi (§ 2(3)) u sustanzi bażiċi (§ 5(1)) bl-użu ta' vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ.

8. F'§ 8, jitħassar il-paragrafu (2) kif ukoll in-numru tal-paragrafu "(1)". Barra minn hekk, jitħassru l-kliem "(bħal permezz ta' vetturi tal-ajru)" fl-ittra b.

9. Fl-aħħar sentenza ta' § 9e(5), il-punt wara l-kelma "għandu" huwa sostitwit b'virgola u huma miżjuda l-kliem "u l-affidabbiltà (il-paragrafu (3)) jibqa' jeżisti."

10. F'§ 9e(6), wara r-referenza "il-paragrafu (5)" jiddaħħlu l-kliem "kif ukoll affidabbiltà kontinwa (il-paragrafu (3)) bil-miktub".

11. § 11(1) għandu jaqra:

"(1) Jekk ir-reat ma jikkostitwixxi reat kriminali li jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni tal-qrati ordinarji, reat amministrattiv punibbli

1. b'multa ta' mhux aktar minn EUR 5 000 jitwettaq minn kull min

a) jaġixxi kontra § 3, § 4(1) u (2), § 5(1) u (3), § 6, § 6a(1), (2) u (4), § 7(1) to (5), § 10b, l-ordinjiet magħmula skont § 10c(1), jew

b) l-ordinanzi maħruġa abbażi ta' § 7(8), § 7a(1) u § 8,

c) juża prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti skont it-tifsira ta' § 3 kontra l-projbizzjoni uffiċjali (projbizzjoni fuq l-applikazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, § 9e(7) u (9)),

2. b'multa ta' mhux aktar minn EUR 1 000 jitwettaq minn kull min

a) jaġixxi kontra § 5(2) u § 9(1) u (2), jew

b) ifixkel il-korpi superviżorji tal-Amministrazzjoni tal-Belt fl-eżerċizzju ta' dmirijietom jew ifixkel il-qadi ta' dmirijietom, jew

c) fejn jintużaw jew jiġu applikati prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (§ 2), ma jkunx jista' jipprovdi ċertifikat ta' taħriġ validu (§ 4(2)) lill-korpi superviżorji (§ 10(2)), jew

d) jonqos milli jgħorr jew ma jistax jipprovdi identifikazzjoni tar-ritratti valida b'mod li jmur kontra § 4(3)."

12. F'§ 11(4), ir-referenza "§ 31 Abs. 2" hija sostitwitabir-referenza "§ 31 Abs. 1".

13. § 11c(2) u (3) għandhom jaqraw:

"(2) Meta dan l-Att jirreferi għal liġijiet federali jew ordnanzi federali, dawn għandhom japplikaw fil-verżjoni fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2024.

(3) Meta dan l-Att jirreferi għad-Direttivi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea u għar-Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet iċċitati f'§ 11d, dawn għandhom japplikaw fil-verżjoni fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2024."

14. Wara § 11c, jiżdiedu s-segwenti § 11d u § 11e, flimkien mal-intestaturi rispettivi tagħhom:

"Abbrevjazzjonijiet użati

§ 11d. (1) L-ismijiet qosra għar-Regolamenti użati f'dan l-Att jirreferu għal:

a. ir-Regolament (KE) Nru 889/2008: Ir-Regolament (KE) Nru 889/2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku, numru CELEX: 32008R0889, ĠU L 250, 18.9.2008, p. 1,

b. ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009: Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE, kif emendat. 32009R1107, ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1,

c. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1165: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1165 tal-15 ta' Lulju 2021 li jawtorizza ċerti prodotti u sustanzi

għall-użu fil-produzzjoni organika u li jistabbilixxi l-listi tagħhom (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), numru CELEX: 32021R1165, ĠU L 253, 16.7.2021, p. 13,

- d. Ir-Regolament (UE) 2021/383: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/383 tat-3 ta' Marzu 2021 li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jelenka l-koformulanti li mhumiex aċċettati għall-inklużjoni fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), numru CELEX: 32021R0383, ĠU L 74, 4.3.2021, p. 7.

(2) Meta dan l-Att jirreferi għar-Regolamenti tal-UE ċċitati fil-paragrafu (1), il-verżjonijiet li ġejjin, fil-każ tal-ittra

- a. sal-1 ta' Jannar 2024 fil-verżjoni oriġinali ċċitata fil-paragrafu (1) u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali tal-Artikolu 11, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1165,
- b. fil-verżjoni oriġinali ċċitata fil-paragrafu (1), bl-eċċezzjoni tal-Anness III, li japplika fil-verżjoni kif emendata bir-Regolament (UE) 2021/383,
- c. u d. fil-verżjoni oriġinali msemmija hawn fuq

għandhom japplikaw.

Notifika

§ 11e. L-Att li jemenda l-Att dwar il-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti ta' Vjenna (Gazzetta tal-Liġi Provinċjali għal Vjenna Nru 46/2024) ġie nnotifikat f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-ġoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (Notifika Nru 2024/207/AT)."

15. F'§ 12(1), wara r-referenza "paragrafu (2)" jiddaħħlu l-kliem "u l-paragrafu (3)".

16. Il-paragrafu (3) li ġej jiddaħħal wara § 12(2):

"(3) Sustanzi kimiċi sintetiċi awtorizzati għall-protezzjoni tal-pjanti li diġà nxtraw mill-utenti qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att, Gazzetta tal-Liġi Provinċjali għal Vjenna Nru 46/2024, jistgħu jintużaw sal-31 ta' Diċembru 2025."

Artikolu II

Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ fl-aħħar tal-jum tal-promulgazzjoni tiegħu.

Gvernatur:

Direttur tal-Uffiċċji Amministrattivi Provinċjali:

Ludwig

Griebler